MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 22/2009

John u Elizabeth konjugi Mizzi

vs

Schembri Infrastructure Limited [C17388]

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fil-11 ta' Gunju 2009, li jaqra hekk :-

'Illi l-konvenut ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta' elfejn u tnejn u sittin Euro u tlettax-il centezmi (€2,062.13) rapprezentanti bilanc dovut minn somma akbar ta' ghoxrin elf erbgha mija u tlieta u tletin Euro u tnejn u tletin centezmi (€20,433.32) skont fattura numerata 000508 annessa bhala Dok. 'A' ;

Illi bhala stat ta' fatt is-socjeta' konvenuta kellha thallas lill-atturi s-somma intiera ta' ghoxrin elf erbgha mija u tlieta u tletin Euro u tnejn u tletin centezmu (€20,433.32) ;

Illi l-attur ircieva biss hlas akkont ta' tmintax-il elf hames mija u wiehed u hamsin Euro u tmintax –il centezmi (€18,551.18) permezz ta' cekk numru 8016 ;

Illi ghaldaqstant ghad hemm l-ammont ta' elfejn u tnejn u sittin Euro u tlettax-il centezmi (€2,062.13) pendenti x'jithallas lill-atturi ;

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u naqqset milli thallas l-ammont dovut ;

Illi ghalhekk l-atturi jridu li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas dan l-ammont ta' elfejn u tnejn u sittin Euro u tlettax-il centezmi (€2,062.13) bl-imghax legali mis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru elfejn u tmienja (2008) sad-data tal-hlas relattiv, l-ispejjez ta' din il-kawza, l-ispejjez tal-ittra ufficjali a tenur ta' l-artikolu 166° mibghuta fil-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru elfejn u tmienja (2008) numerata 585/2008.' ;

Is-socjeta' konvenuta Schembri Infrastructures Limited permezz tar-risposta taghha pprezentata fit-28 ta' Lulju 2009, eccepiet :-

'Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom *stante* li kif jafu ben tajjeb l-atturi, l-ebda ammont m'hu dovut kollu u dan kif ser jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza ;

Salv kull eccezzjoni ulterjuri.' ;

Sama' l-provi tal-partijiet ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi John u Elizabeth konjugi Mizzi qeghdin jitolbu minghand is-socjeta' konvenuta l-hlas tas-somma ta' elfejn u tnejn u sittin Euro u tlettax-il centezmi (€2,062.13) li skont huma hija dovuta lilhom bhala bilanc minn somma akbar in parti ghal servizzi ta' rimi' ta' materjal fil-barriera tal-atturi li prezentement tintuza bhala radam u in parti tal-imghax ghall-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2007 sal-11 ta' Gunju 2009. Is-socjeta' konvenuta qed tikkontesta dan il-hlas billi tikkontendi li m'huwa dovut ebda hlas iehor oltre l-ahhar ammont li sar lill-atturi ta' tmintax-il elf hames mija u wiehed u hamsin Euro u tmintax-il centezmi (€18,551.18) fil-21 ta' Novembru 2008, permezz ta' cekk numru 8016 ;

Mill-provi tas-socjeta' konvenuta rrizulta li jekk hemm xi ammont dovut, dan mhuwiex dovut minnha izda mill-kumpannija Clearway Drains Services Limited ghar-rimi ta' *sludge* fil-barriera tal-atturi, liema rimi' ma' giex eskluz li sar bil-mezzi tat-trasport tas-socjeta' konvenuta, anzi' mix-xhieda ta' Edward Schembri tad-29 ta' Settembru 2010, jirrizulta li ghar-rimi' ta' dan is-*sludge* ntuza t-trakk tas-socjeta' konvenuta. Din il-kumpannija Clearway Drains Services Limited hija kumpannija ohra ta' Schembri Group li taghmel xoghol ghall-Korporazzjoni Ghas-Servizzi tal-Ilma. Din il-kumpannija la giet indikata fir-risposta tas-socjeta' konvenuta u lanqas baqghet ma giet innotifikata bl-atti mis-socjeta' konvenuta kif hemm provdut fir-regolament numru sitta (6) tal-Avviz Legali 280 tal-2001 ;

Ma kienx bizzejjed ghas-socjeta' konvenuta li tiddikjara li jekk hemm xi ammont dovut lill-atturi ghas-servizzi li gew moghtija dan huwa dovut minn kumpannija ohra u mhux minnha. Il-principju generali hu li biex persuna li qeghda tikkontratta ma torbotx lilha nnifsiha, huwa mehtieg li jigi pruvat li waqt il-kontrattazzjoni dik il-persuna ndikat car u tond li qeghda tikkontratta ghal haddiehor. Jekk ma indikatx dan espressament, almenu jrid ikun jirrizulta sodisfacentement li l-kontraent l-iehor kien ragonevolment jaf illi dik il-persuna qeghda tikkontratta f'isem haddiehor (ara sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet **Zammit vs Rev. N.Okereke**, deciza fit-13 ta' Lulju 1991, u sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **E. Borg et noe vs R.**

**Schembri**, deciza fit-28 ta' Mejju, 1973). Is-socjeta' konvenuta htegilha tiddimostra, u wkoll tiddizimpenja ruhha bi provi adegwati, illi hi ma kenitx il-persuna li kellha tirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza. Mhux dan biss pero`. Hi kellha tipprova wkoll illi fil-mument meta sar in-negozju l-attur, li mieghu gew pjazzati l-ordnijiet, kien a konoxxenza tal-fatt illi min pogga l-ordnijiet mieghu kien qieghed f'dak il-mument jagixxi in rapprezentanza ta' haddiehor jew ta' xi socjeta' ohra, u mhux biss tas-socjeta' Schembri Infrastructures Limited. Inghad li 'Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kontrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura ruhhu li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta` attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta." (Qorti Tal-Appell, **John Vella noe vs Anthony Vella et**, 3 ta' Dicembru, 1999) ;

Mid-*delivery notes* esibiti minn fol.58 sa 97  jirrizulta li dawn hargu kollha f'isem Schembri & Sons, liema *delivery notes* in-numri taghhom jinsabu riflessi fuq l-invoice dokument EM2 i sa xv a fol.33 sa 47 li giet mahruga f'isem is-socjeta' konvenuta. Ghalkemm jirrizulta minn ittra tal-Korporazzjoni Ghas-Servizzi tal-Ilma datata 10 ta' Settembru 2007, esibita bhala dokument JM2, li l-atturi kienu baghtu tliet fatturi partikolari lill-Korporazzjoni Ghas-Servizzi tal-Ilma, li jirrizulta mill-istess ittra li l-hlas taghhom kien gie saldat minn dik il-Korporazzjoni lil Clearway Drains Services Limited, is-socjeta' konvenuta baqghet ma gabitx prova liema kienu dawn it-tliet fatturi u jekk kienux fost dawk li taghhom l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas minghandha. Lanqas ma jirrizulta mill-atti li s-socjeta' konvenuta  qatt ipprovdiet lill-atturi bin-numru tal-VAT tal-kumpannija Clearway Drains Services Limited biex il-fattura fiskali tohrog direttament fuq din il-kumpannija u mhux fuq il-kumpannija konvenuta ;

Mehudin in konsiderazzjoni tal-fatti fuq imsemmija, dan it-Tribunal mhuwiex konvint ad eccezzjoni tal-hlas tas-

somma ta' tnejn u tmenin Euro u sitta u erbghin centezmi (€82.46) kif ser jinghad aktar'il quddiem, li meta s-socjeta' konvenuta ghamlet uzu mis-servizzi ta' *dumping* fil-barriera tal-atturi li parti minn dan ir-rimi' kien qieghed isir mhux minnha izda mill-kumpannija Clearway Drains Services Limited. Fi kwalunkwe' kaz jibqa' mpregudikat id-dritt tas-socjeta' konvenuta li ddur fuq il-kumpannija Clearway Drains Services Limited u tigbor minghandha kull ammont li hija ser ikollha thallas lill-atturi ghal servizzi li saru fl-interess ta' din is-socjeta' billi jirrizulta li din is-socjeta' thallset ta' dawn is-servizzi minghand il-Korporazzjoni Ghas-Servizzi tal-Ilma ;

Dwar il-prezzijiet tar-rimi' jirrizulta mid-*delivery notes* esibiti minn fol.58 sa 97 li ghal kull servizzi ta' *dumping*, l-attur kien johrog prezz skont il-kwantita' tal-materjal mormi fil-barriera, li kien jigi accettat bil-firma tal-haddiem li kien jintbaghat bit-trakk mis-socjeta' konvenuta biex jarmi dan il-materjal, liema prezz tal-konsenji ma jirrizultax mill-atti li qatt sar xi ilment bil-miktub mis-socjeta' konvenuta li ma kenitx qed taqbel mieghu. Skont dawn id-*delivery notes* il-prezz ta' kull servizz kien ivarja bejn sebgha u ghoxrin liri Maltin (Lm27) u tmienja u tletin Liri Maltin (Lm38) ghal kull vieg mhux skont il-piz tal-vieg billi l-attur ma kellux mizien, izda skont il-volum tal-materjal mormi u t-tunnellagg tat-trakk. Fin-nuqqas ta' prova dokumentata ohra li tmeri d-*delivery notes* li gew iffirmati mill-haddiema tas-socjeta' konvenuta, dan it-Tribunal m'ghandu ebda ghazla ohra hlief li jiehu l-prezzijiet ghal kull servizz ta' rimi' ta' materjal li gew indikati fuq id-*delivery notes* bhala l-prezzijiet pattwiti. Il-verzjoni moghtija minn Edward Schembri ghas-socjeta' konvenuta ma tinsab korroborata minn imkien mill-atti. ;

Skont ir-rendikont EM1 a fol.32 esibit mill-atturi l-bilanc li kien ghad fadal li jithallas mis-socjeta' konvenuta lill-atturi tar-rimi' tal-materjal kien ta' seba' mija u hamsa u sebghin Euro u hdax-il centezmi (€775.11). F'dan l-ammont m'hemmx inkluzi l-imghaxijiet ta' €994.30, l-ammont ta' €82.46 li kif konfermat mill-istess atturi huwa dovut minn Clearway Drains Services Limited u mhux mis-socjeta' konvenuta, u €30.27 tal-ispejjez legali). L-ewwel

interpellazzjoni ufficjali li tirrizulta mill-atti li saret mill-atturi lis-socjeta' konvenuta hija dik tal-24 ta' Settembru 2008, permezz ta' ittra ufficjali numru 585/2008, izda billi hawn *si tratta* ta' debitu kummercjali japplikaw il-provvedimenti tal-artikolu 26C tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk it-talba tal-atturi ghall-hlas tal-imghaxijiet fuq il-bilanc li kien ghadu dovut sal-1 ta' Ottubru 2007, b'effett minn dik id-data hija gustifikata wkoll ;

Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi previa r-rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament ghas-somma ta' elf seba' mija u disgha u sittin Euro u wiehed u erbghin centezmi (€1769.41), oltre l-imghax fuq il-bilanc ta' €775.11 b'effett mill-21 ta' Novembru 2008 (meta sar l-ahhar hlas akkont) sal-effettiv pagament, u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta ghal dan il-hlas ;

Spejjez a karigu tas-socjeta' konvenuta nkluzi tal-ittra ufficjali numru 585/2008.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------